MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Numru 474/2001

**PULIZIJA**
**SUPERINTENDENT CARMELO BARTOLO**
**VS**
**JAMES CASHA**
**DORIAN SCIORTINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra James Casha ta' 29 sena, bin Nazzareno u Josephine xebba' Pace, imwieled l-Awstralja nhar it-13 ta' Dicembru 1971 u li joqghod Millenium Flats, Flat 4, Triq Kassarino, Bugibba, detentur tal-karta ta' l-identita numru 9065A;

U

Dorian Sciortino ta' 29 sena, bin Anthony u Maria xebba Azzopardi, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Lulju 1972 u li

joqghod Blk C6, Flat 2, Triq il-Fraxxnu, Zebbug, Malta, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 307872M.

Billi huma akkuzati:

James Casha wahdu talli nhar it-18 ta’ Awwissu 2001 fi Triq id-Daqqaqa, B’Bugia ghall-habta tad-9.15 am bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Aaron Privitera f’periklu car wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’dan id-delitt billi bi strument bil-ponta ta daqqa fil-parti vitali tal-gisem u cioe’ fuq il-persuna ta’ Aaron Privitera liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

Lil Dorian Sciortino talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fl-imsemmi delitt billi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew l-awturi ta’ l-imsemmi delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat, u aktar talli xewwex lil haddiehor u cioe lil James Casha inkella sahhahlu l-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew weghdu li wara l-fatt jassistieh, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Lil Dorian Sciortino wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr strument li jaqta’ bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzati it-tnejn flimkien talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjar u storbju, kif ukoll qalu kliem fahxi u dagha.

Akkuzati it-tnejn talli huma ricedivi b’Sentenzi definittivi li ma jistghux jigi mhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputati;

Rat il-Verbal datat 19 ta' Novembru 2008 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Dorian Sciortino datat 6 ta' Jannar 2010;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ispettur David Saliba, ara fol 9 et sequitur, jirrizulta li l-pulizija rceviet rapport dwar *stabbing* li kien sehh f'Birzebbuga mill-isptar St. Lukes, li infurmawhom li l-vittma kien certu Aaron Privitera. L-Ispettur Saliba, flimkien ma' l-Ispettur Walter Spiteri, kien kellem lil Aaron Privitera flimkien ma l-Ispettur Walter Spiteri u dana informa lill-pulizija illi waqt li kien rieqed fuq il-parapett tal-villegjatura tal-genituri tieghu fi Triq l-Isbark tat-Torok, Birzebbuga, omm Aaron, cioe' Frances Privitera kienet qajmet lil binha 'il ghaliex gharfet lil James Casha u ratu ghaddej bil-karozza tieghu quddiem id-dar taghha.

Yvette Casha, mart James Casha, minnu separata de facto kienet qieghda tghix ma Aaron Privitera. Aaron Privitera informa lill-pulizija li huwa kien hareg mid-dar tal-genituri tieghu 'l ghaliex kellu l-karozza pparkjata fit-Triq id-Daqqaqa u beza' illi ser issir xi vendikazzjoni fuq il-karozza tieghu. Kif kien qed javvicina l-karozza tieghu, sab lil Dorian Sciortino, habib ta' James Casha. James Casha kien avvicinah u inqala' argument u James Casha kien tah daqqa ta' imqass li jintuza biex jinzabru s-sigar. Aaron Privitera informa lill-pulizija li huwa pprova jiddefendi ruhu kif seta' u li kienet harget ommu tghajjat ghall-ghajjut. Il-griehi ta' Aaron Privitera kienu jikkonsistu f'daqqa ta' strument bil-ponta f'sidru li laqghet l-*isternum* u li ghalhekk ma ppenettratx il-kavita toracika.

Nel fra temp l-Ispettur David Saliba gie infurmat illi James Casha u Dorian Sciortino kienu qeghdin l-ghassa taz-Zejtun jaghmlu rapport u dana stante li James Casha kellu ukoll xi griehi u ntbaghat l-*Health Center* ta' Rahal Gdid.

Sussegwentement l-Ispettur Saliba kien investiga liz-zewg (2) imputati u informa lill-Magistrat Inkwirenti l-Magistrat Joseph Apap Bologna li hatar diversi esperti. Il-pulizija kienu kellmu wkoll lil Yvette Casha u lill-genituri ta' Aaron Privitera cioe' Frances u Paul Privitera.

Frances Privitera, kif ukoll Yvette Privitera kienu nfurmaw lill-pulizija illi huma kienu nnutaw lil James Casha u Dorian Sciortino ghaddejjin bil-karozza taghhom Volkswagen Jetta u marru jqajmu lil Aaron Privitera li kien rieqed fil-parapett 'il ghaliex bezghu. Aaron Privitera kien mar fid-direzzjoni taz-zewg (2) imputati u kienet inqalghet glieda fejn safa ferut Aaron Privitera.

Frances Privitera rat lil James Casha jaghti diversi daqqiet lil Aaron Privitera u rat lil Dorian Sciortino jaghti lil Aaron Privitera bis-sieq meta Aaron kien ma l-art. Meta qam huma nnutat li Aaron Privitera kellu d-demm ma sidru u ghaldaqstant cemplu ghall-ambulanza. Ix-xhieda taghhom inghatat ukoll fl-Inkjesta.

L-Ispettur Saliba xehed a fol 22 illi huwa kien gie infurmat illi James Casha kien ukoll indarab u li Dorian Sciortino kien infurmah illi kienet intuzat arma u cioe' grampun. Dorian Sciortino kien mar akkumpanjat mill-pulizija fuq il-post fejn gara l-incident u l-pulizija rnexxielhom isibu l-grampun illi bih allegatament Aaron Privitera kien qala' daqqa.

L-istqarrija ta' James Casha a fol 40 et sequitur fejn dan jikkonferma illi bejnu u bejn il-mara tieghu kien hemm inkwiet matrimonjali tant illi kienu inbdew proceduri ghas-separazzjoni l-Qorti. Casha stqarr illi huwa kellu zewgt (2) itfal u li martu kienet hadet dawn iz-zewgt (2) itfal u ma kienx jaf ezattament fejn qieghda tghix maghhom. Huwa stqarr illi l-gurnata ta' qabel huwa kien cempel lil Yvette fuq il-mobile taghha u kien kellem ukoll lil Aaron fuq l-istess mobile u talbu biex ihallilu l-familja bi kwieta izda Aaron kien kellmu hazin u heddu. James Casha stqarr mal-pulizija illi huwa kien talab lil Dorian Sciortino jsegwi l-mara tieghu sabiex jara fejn kienet qieghda tghix mat-tfal

u wara li kien fittxilha l-passi, sab illi kienet qieghda tiffrekwenta lil Aaron Privitera. Ghalhekk kienu ftehmu sabiex isibu l-indirizz preciz ta' fejn kienet qed tghix.

Sciortino kien infurmah ukoll illi l-persuna illi mieghu kienet qed tghix Yvette Casha ma kienetx persuna ta' l-affari taghha izda kienet wahda maghrufa mal-pulizija fuq drogi u serq. Dak inhar ta' l-incident Dorian kien saq il-karozza tieghu Volkswagen Jetta gewwa Bugibba u pparkja kantuniera 'l boghod mill-garage fejn kien qed joqghod Aaron Privitera.

James Casha stqarr illi huwa kien mar f'ghalqa, sab grampun ta' katusa ma l-art u gabru: "*jiena ghawwigt il-parti tonda sabiex ikolli grip ahjar*" (ara fol 41) "*Ghamilt hekk ghal li jista' jinqala'*." Casha stqarr illi Dorian Sciortino kien ipparkja l-karozza quddiem dik ta' Aaron Privitera u f'hin minnhom ra lil Aaron Privitera gej fid-direzzjoni tieghu.

***"F'hin minnhom rajna lil Aaron gej bil-pass u gie lejna. Dorian qalli: dan huwa l-k - - li qieghed ma martek u li h - - il-familja." Dak il-hin Aaron baqa' gej fuqi u peress li kellu xi haga f'idu, li ma stajtx nara x'inhi ghax kellu idu wara, jiena ghidt lil Aaron tlett (3) darbiet biex inehhi dak li kellu f'idu pero' dan baqa' gej lejja u xejjer katina f'genbi. Fil-fatt ghadha mmarkata sa issa. Dak il-hin peress li jiena kont vicin il-bieba tal-karozza u peress li jiena kont gbart minn ma l-art aktar qabel, tbaxxejt fil-karozza u qbadt il-grampun u tghajtu daqqa f'sidru bil-ponta tal-grampun stess. Aaron ma waqax ma l-art u Dorian u jien waqqajnieh ahna ghax bdejn insawwtuh b'li gie. Kien dan il-hin li giet omm Aaron u li bdiet tghajjat u titkellem hazin u fil-fatt qaltli: meta jerga' jkun f'sikktu, erga ejja aghtieh. Aaron f'dan il-hin qam minn ma l-art u rega qabad il-katina u kien riega gej ghalina. Jiena ergajt stedintu ghal glied u ghidtlu: nehhi l-katina minn idejk halli niggieldu bl-idejn. Aaron ma nehhiex il-katina minn idu. Jiena komplejt nghid lil Aaron: hu lil mara jekk inti tridha imma jiena lit-tfal ghandi hemm gew. Aaron ma kellimni xejn, mexa ftit***

***'il boghod u beda jghajjarni: kornut, barri u purcinell. Ahna tlaqna bil-karozza ta' Dorian u soqna."*** **(ara l-istqarrija a fol 41)**

Casha kompla jinforma lill-pulizija illi aktar 'l isfel ra lill-mara tieghu illi kellha mus f'idejjha u li baqghu jsuqu u li waddbu l-grampun f'xatt il-bahar. Minn hemm hekk marru l-ghassa. Casha nnega li ra xi mus f'idejn Dorian Sciortino. Casha kkonferma illi wara illi kien "niggez" lil Aaron Privitera, kien qabad flixkun shieh minn ma l-art "ghal li jista' jkun" izda dan qatt ma wzah u baqa' shieh. Casha innega illi huwa kien mar biex isawwat lil Aaron. Casha ammetta illi kien fil-fatt hedded lil Aaron Privitera gurnata qabel permezz tat-telephone, billi hallielu *voice mail*. James Casha innega illi kien gabar il-grampun sabiex jekk isib lil Aaron Privitera ipattijielu ghad-dannu li ghamel lill-familja tieghu u jghid illi kien gabar dan il-grampun sabiex jekk Aaron Privitera jigi armat huwa jkun ippreparat.

**A fol 42 James Casha jammetti illi kien ghadda minn quddiem il-garage tal-familja Privitera u dana sabiex ikun jista' jiehu l-indirizz izda dan gara dak inhar ta' l-incident stess.** Muri l-grampun li intuza f'dan l-incidnet James Casha gharfu. Casha gie muri wkoll sett ta' sitt (6) ritratti inkluz ritratt ta' mus, ta' hadida u ta' katina u gharaf l-oggetti fir-ritratti. Ghalaq l-istqarrija tieghu billi jghid: "*jiena kull ma nista' nghid illi minn dan il-bniedem hsara rajt u ghamilt dak li ghamilt, ghamiltu ghax gieghelni huwa naghmel hekk.*" (fol 43)

Fl-istqarrija tieghu, Dorian Sciortino a fol 44 jispjega illi James Casha kien jigi hu l-mara tieghu. Huwa stqarr illi kien jaf illi kien hemm problemi matrimonjali bejn James Casha u l-mara tieghu Yvette u li James kien talbu illi jsewgi lil Yvette halli jaraw fejn kienet qieghda tghix li fil-fatt hemm ghamel u ra lil Yvette tirkeb ma certu Aaron Privitera. Dan Aaron Privitera u l-familja tieghu kellhom garage Birzebbuga u dana kien jafu 'il ghaliex is-sena ta' qabel kien kera garage fil-vicinanzi tieghu u kellu hafna nkwiet ma din il-familja, illi ghal daqstant huwa inform lil James dak kollu illi kien jaf u marru jaghmlu rapport l-

ghassa tal-pulizija illi pero' baghtuhom jaghmlu rapport l-Appogg il-Blata l-Bajda.

Il-Welfare Officer talbet lil James Casha ghall-indirizz preciz u James ma setax jissuplih u allura kienu ddecidew illi jfittxu l-passi ta' Yvette u jkunu accertati fejn qieghda tghix. Fil-fatt is-Sibt fil-ghodu hekk kienu ghamlu - pparkjaw il-karozza JAC 704, propjeta ta' Sciortino, kantuniera 'l boghod fejn hemm il-garage ta' Privitera. Hin minnhom hareg dan Aaron Privitera u baqa' sejjer fid-direzzjoni ta' James Casha, skorra lilu (cioe' lil Dorian) u hemm hekk Sciortino ra illi Privitera kellu katina f'idejh u ghal daqstant resaq lejn Aaron.

Sciortino stqarr illi James imbotta lil Aaron ma' l-art, izda Aaron beda jxejjer b'din il-katina. Sciortino ammetta illi xejjer daqqa ta' sieq lejn id-direzzjoni ta' Aaron u li fil-pront omm Aaron, cioe' Frances Privitera qabdet tghajjru u toffendieh. Sciortino xehed illi James wara l-glieda kien tefa' grampun fuq it-tapit tal-karozza u kien qallu li kien gabarha minn go l-ghalqa.

A fol 46 Sciortino ta spjegazzjoni mill-gdid tas-segwenza ta' l-azzjonijiet illi sehhew wara illi Aaron Privitera hareg mill-propjeta tieghu.

Sciortino stqarr illi ra lil James jaqbad ganc u jqieghdu fil-karozza:

**"*Qalli li jekk johrog xi hadd armat hu kellu idejh vojta, allura zamm dan il-ganc*."**

Aaron mar fuq James b'katina f'idejh. Dorian Sciortino gharraf lil James Casha illi Aaron kien dak illi kien qieghed ma martu:

**"*f'dak il-hin jiena qbadt insawwat lil Aaron, tghajtu daqqa ta' ponn. F'dan il-hin kien li James tah daqqa ta' xi haga u jien rajt id-demm ma sider Aaron, dan waqa' ma l-art u komplejt naghtieh bis-sieq. Kien dan***

***il-hin ukoll illi Aaron xejjer id-daqqa tal-katina u laqat lil James ma genbu u nahseb f'dahru. Kif waqa'  ma l-art giet Frances, omm Aaron, u tlewwimna*" (Ara stqarrija a fol 46)**

Dorian Sciortino jinnega illi huwa kien mar armat ghal dan l-incident b'mus anzi jghid li dan il-mus kien waqa' minn go basket in segwitu tal-*barbeque* illi ghamlu xi jiem qabel. A fol 47 Dorian Sciortino nnega illi huma kienu marru biex jiggieldu ma Aaron Privitera u illi James kellu l-hsieb illi jehles minn Aaron.  Muri xi ritratti Dorian Sciortino gharaf il-ganc.

A fol 48 gie esebit certifikat mediku ta' Aaron Privitara illi kklassifika l-griehi bhala *slight save compications*. Gie esebit ukoll certifikat mediku ta' James Sciortino a fol 49 fejn Dr. Cassar sab illi Casha:

"***was found to have contusion about 25 cm long corrisponding to the shape of a chain on the left side of his back and another small contusion on right side of the back***".

Gie esebit ukoll l-okkorrenza DS 14 a fol 50 et sequitur. Aaron Privitera a fol 51 et sequitur xehed illi dak inhar ta' l-incident huwa kien rieqed fil-parapett u qajmitu ommu 'l ghaliex kienet rat lil Dorian u lir-ragel ta' Yvette ghadejjin minn quddiem il-garage u ghaldaqstant hu mar halli jindaga jekk dan kienx veru.  Hemm hekk kien sab lil James Casha, "talbu jghidlu jekk kienx qieghed mal-mara tieghu. Huwa rrispondih fl-affermattiv u James irrisponda li hu, t-tfal tieghu ried. Illi f'daqqa wahda kien hareg Dorian minn mall-hajt u beda jissara "*ma Aaron waqt illi James gie minn mal-genb u tah daqqa ta' arma go qaddu*."

Minn hemm hekk huwa waqa'ma l-art fejn it-tnejn bdew jaghtuh bis-sieq.  Dan il-hin kienet giet il-mama tieghu tghajjat u Dorian inqala' minn mieghu u b'hekk huwa seta' jqum minn ma l-art.  Meta qam huwa ma rax xi arma f'idejn James izda nduna li kellu sidru kollu dmija.  Aaron

Privitera xehed illi dak il-hin huwa ntebah illi kellu katina fil-but ta' wara u dan kienet qieghda hemm hekk 'il ghaliex kien jaf illi James kien jiddilitta bl-imwies. Aaron harigha mill-but u xejjer daqqa bil-katina lil James Casha. Illi fil-pront James u Dorian dahlu fil-karozza taghhom jigru, James jheddu illi ser ipattijielu u li l-kwistjoni ma spiccatx hawn.

Aaron Privitera kkonferma ritratt Dok. DS 4 li turi l-arma li biha kien laqtu James Casha. (ara fol 57). **Aaron Privitera muri r-ritratti ta' mus cioe' Dok. DS 8 u 9, jghid illi dak il-mus huwa ma rahx waqt l-incidenti.** Aaron Privitera kkonferma illi huwa kien ghamel tlett ijiem l-isptar imbagahd gie rilaxxat.

Frances Privitera a fol 66 tikonferma illi hija omm Aaron Privitera u li kienu qeghdin jghixu fil-vellegjatura taghhom garage Nru. 5 Triq lis-Isbark Tat-Torok, il-Qajjenza, Birzebbuga. Dina kkonfermat illi innutat bil-karozza ta' Dorian Sciortino u kienet pronta qajmet lit-tifel taghha Aaron ghax basret illi dawn kienu gew ghalih. Illi dan qam u mar jara fejn kienu pparkjati u li hi kienet segwietu ftit wara. ***"Jiena lhaqt lil Aaron wiccu' l fuq ma l-art u jaghtuh bis-sieq u jiena bdejt nghdilhom le mhux hekk ghax ser toqtluh".***

Frances Privitera xehedet illi hija **ma ratx lil Dorian jaghti lit-tifel taghha izda ratu b'mus kannella zghir f'idejh.** Muriha r-ritratt Dok. DS 4 Frances Privitera ma kienetx f'pozizzjoni taghraf l-arma li biha gie aggredid il-kwerelant Privitera.

L-Ispettur Walter Spiteri a fol 74 ikkonferma r-rapport illi kien ircieva s-surgent Baldacchino dwar *stabbing* fil-Qajjenza u li ghal daqstant acceda mill-ewwel fil-*casualty* ta' l-isptar San Luqa fejn sab lil Aaron Privitera qed jigi kkurat minn ferita illi kellu f'nofs ta' sidru. L-Ispettur Walter Spiteri nforma lill-Qorti illi dak il-hin Aaron Privitera kien qallu illi huwa kien gie agredid permezz ta' arma "*li kienet qisha forma ta' mqass minn ghand James Casha.*" (ara xhieda rapport 75)

L-Ispettur Spiteri xehed illi James Casha u Dorian Sciortino kienu marru l-ghassa taz-Zejtun biex jaghmlu rapport fuq griehi illi soffra James Casha u dawn gew mibghuta jaghmlu certifikat mill-Policlinic. L-Ispettur Walter Spiteri kkonferma illi giet msejha inkjesta u gew mahtura diversi esperti. Mit-tfittxijiet illi twettqu mill-pulizija, l-Ispettur Spiteri kkonferma li giet elevata hadida mill-karozza ta' Aaron Privitera l-esebit DS 7, li kien gie elevat grampun DS 4 illi gie misjub bl-ghajnuna ta' Dorian Sciortino assistit mill-Pulizija u giet elevata katina l-esibit DS 5 mill-kxaxen tad-dresser fil-garage ta' Privitera. Giet elevata wkoll l-esebit DS 6, katina ohra illi kienet marbuta ma bicycle.

A fol 81 l-Ispettur Walter Spiteri jikkonferma li James Casha kien soffra minn griehi illi kienu ovvjament kompatibbli ma daqqa minn katina stante li l-griehi kienu juru tbengil ta' bejn hamsa u sitt holoq. (ara xhieda a fol 8)

Frances Privitera a fol 84 ikkonfermat DS 4 u din id-darba kkonfermat illi hi kienet rat l-arma qisha forma ta' mqass. **Tinnega illi rat lil binha Aaron Privitera jaqbad xi ktajjen izda tghid illi gie li rathom id-d**ar. A fol 89 Frances Privitera allegat illi Yvette u t-tfal taghha kienu ghexu maghhom u qalet illi hija kienet giet biss ghall-festa t' Birzebbuga u fil-*birthday* taghha. Frances Privitera tinnega illi wara l-incident, binha Aaron, kellu xi katina f'idejh jew fil-but ta' wara. A fol 95 Frances Privitera tghid: "***jekk kellu l-katina, mhux qed nghid li ma kellux jiena, jekk kellu l-katina kienet ghadha fil-but zgur***."

Paul Privitera a fol 108 ikkonferma illi huwa jigi missier Aaron Privitera li kien ircieva telefonata minn ghand martu kmieni fil-ghodu waqt li kien fuq ix-xoghol l-isptar San Luqa u fejn martu talbitu jmur lura d-dar 'il ghaliex binha Aaron kien qieghed fl-inkwiet. Hija cemplitlu wara xi nofs siegha u nfurmatu illi Aaron fil-fatt kien qala' daqqa ta' sikkina. Illi minn hemm hekk huwa mar mill-ewwel il-Qajjenza u sab lil ibnu b'ferita f'sidru mimli demm. A fol 112 kien ikkonferma illi l-katina kienet instabet mill-Pulizija fil-kexxun tal-parti tal-kcina tal-vellegjatura tieghu.

Martin Bajda a fol 117 informa lill-Qorti illi ma kienx f'pozizzjoni illi jipprezenta r-relazzjoni tieghu stante illi ma kienx inghata l-*pin code number* tal-*mobile* kkoncernat.

Fit-tieni xhieda tieghu a fol 136 Martin Bajada esebixxa r-relazzjoni tieghu  Dok. MB a fol 138 et sequitur li tikkonceni traskrizzjoni ta' konverzazzjoni bejn ragel u mara.  Gie esebit il-Proces Verbal a fol 159.

Robert Cardona a fol 160 esebixxa r-relazzjoni tieghu Dok. RC.

PS 336 Anton Schembri kkonferma illi wara li kien gie arrestat Dorian Sciortino huwa kien akkompanja lill-istess Sciortino sal-post fejn indikalu grampun illi ntuza f'dan l-incident.   PS 336 informa lill-Qorti illi mmedjatament gew imsejhin is-*Scene of Crime Officers* illi elevaw l-istess grampun.  A fol 168 PS 336 ikkonferma l-istqarrija Dok. DS 10 ta' James Casha u kkonferma l-istqarrija a fol 44 ta' Dorian Sciortino.  PC 905 David Debattista kkonferma x-xhieda tas-Surgent PS 336.

Fit-tieni xhieda tieghu PS 336 Anton Schembri a fol 178 et sequitur ikkonferma s-sett ritratti li jinsabu a fol 39 Dok 1 illi huwa ritratt tal-ganc in kwistjoni.

PC 1147 Antione Fenech esebixxa Dok. CC li jinsab a fol 187 et sequitur. Ikkonferma wkoll illi gew elevati katina, katnazz marbut ma bicikletta, katina ohra illi kienet fil-bank tal-kcina u kkonferma dawn l-oggetti kollha fir-ritratti esebiti.  PC 1147 ma setax jiftakar jekk sabx xi oggetti relatati mas-sajd fil-font fejn saru t-tfittxija.

Il-Perit Richard Aquilina a fol 200 esebixxa r-relazzjoni tieghu Dok. RA li tinsab a fol 202 et sequitur flimkien ma sett cwievet l-esebiti PP.

Dr. Mario Scerri a fol 245 esebixxa Dok. MS, ir-relazzjoni tieghu u halifha.

Chris Farrugia a fol 290 ma kienx f'pozizzjoni jesebixxi r-relazzjoni tieghu.

**WPC 126 Josienne Butigieg a fol 292 ikkonfermat illi l-imputati Casha u Sciortino ma kellhomx licenzja biex igorru jew jipposjedu arma**.

Chris Farrugia a fol 294 ikkonferma r-rapport tieghu li jinstab a fol 162.

Dr. Kevin Zammit a fol 341 mill-isptar San Luqa *Casualty Department*, ikkonferma c-certifikat li jinsab a fol 48 tal-Process fejn **ikklassifika l-griehi ta' Aaron Privitera bhala *slight save complications*.**

Dr. Jesmond Cassar a fol 328 ikkonferma c-certifikat a fol 49 rigwardanti griehi ta' James Casha kklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa u kkonferma illi dawn il-griehi cioe' kontuzjoni twila 25 cm kienet kompatibbli ma daqqa ta' katina.

PS 297 Teddy Baldacchino ikkonferma l-okkorrenza Dok. PS.

Aaron Privitera a fol 327 ikkonferma x-xhieda li huwa kien ta fl-Inkjesta wara li din giet moqrija lilu.

L-imputat Dorian Sciortino ikkonferma l-istqarrija tieghu fid-dsatax (19) ta' Novembru two thousand and eight (2008).

L-imputat James Casha ikkonferma l-istqarrija tieghu wara li din giet moqrija lilu. Fix-xhieda tieghu James kien sostna illi ghalkemm kien sostna fl-istqarrija tieghu illi kien issepara minn mal-mara u fil-fatt ried ifisser illi ma kienux qeghdin jghixu flimkien u dana stante illi l-mara tieghu kienet harbitlu ma haddiehor u fiz-zmien ta' l-incident ma kienx jaf fejn tinstab u kienet haditlu maghha t-tfal, tifla ta' sitt (6) snin u tifel ta' sitt (6) xhur. Fil-fatt sussegwentement minn ghand in-nies kien sema' illi kienet qieghda tghix ma certa Aaron Privitera ghand il-familja tieghu f'garage illi kien jintuza bhala villegjatura Birzebbuga.

James Casha ikkonferma illi hu pero' kien baqa' jikkomunika ma Yvette Casha permezz tat-telephone u darba minnhom kienet ghaddietlu t-telephone sabiex James Casha jkun jista' jkellem lil Aaron Privitera u Casha talab lil Aaron Privitera jhallilu l-familja bi kwieta sabiex forsi jkun hemm rikonciljazzjoni u r-risposta ta' Aaron Privitera kienet "***ghax nigi nqattghek***."

Dak inhar ta' l-incident Casha ikkonferma illi kien mar ma Dorian Sciortino fuq il-post u kien hareg Aaron Privitera, mexa lejn l-imputat Casha b'idu l-leminija mohbija warajh. (ara page 377) Casha ikkonferma illi talbu jghidlu jekk kienx qieghed mal-mara tieghu u Aaron Privitera irrispondieh fl-affermattiv.

Casha xehed illi talbu inehhi dak li kellu min idejh u l-imputat beda jxejjer il-katina bil-konsegwenza tal-griehi illi jidhru fir-ritratti f'dahar Casha. Casha ikkonferma li kienet katina twila, industrijali u kienet hoxna hafna, cioe' tan-nofs pulzier.

James Casha xehed illi wara li qala' daqqa ta' katina huwa kien tbaxxa u sab ghal idejh il-granpun illi kien halla fil-karozza u fil-fatt qabdu sabiex jiddefendi ruhu. Casha ikkonferma illi waqt illi qala' d-daqqa bil-katina sema' lil Aaron Privitera jibqa' jghid diskors bhal "*ha nqattghtek*" u baqa' jxejjer bil-katina.

A fol 380 tax-xhieda tieghu Casha jghid illi Aaron Privitera tant baqa' jxejjer bil-katina illi huwa haseb illi ser joqtlu. Wara illi kien tah daqqa bil-granpun, Aaron Privitera baqa' jghajjru "*barri.*" Casha iddikjara illi huwa ma kellu xejn f'idejh ghajr il-granpun u li kien ta daqqa wahda biss b'din l-arma. Huwa iddikjara illi meta tah bil-granpun, huwa kien intilef u beda jxejjer idejh 'il ghaliex Aaron Privitera kien vicin hafna tieghu ghax kien qed ihebb ghalih. Ikkonferma illi Aaron Privitera kien maghruf man-nies illi kien persuna ta' certu karattru, maghruf fic-cirki tad-droga u serq.

Illum il-gurnata hu u martu sseparaw legalment. James Casha kkonferma illi qabel dan l-incident huwa kien

ircieva diversi telefonati anonimi fejn isiru hsejjes vulgari fuq it-telephone u mbaghad tinqata' l-linja. Huwa kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija izda ebda proceduri kriminali ma ttiehdu.

In kontro ezami James Casha gie mistoqsi 'il ghaliex kien mar hdejn id-dar ta' Aaron Privitera meta kien jaf sa minn guranta qabel l-incident ezattament fejn kienet qieghda tghix martu ma dan Aaron Privitera, l-imputat Casha jghid illi huwa mar hemm hekk biex jara lit-tfal tieghu u pparkjaw il-karozza kantuniera 'l boghod. Casha xehed illi huwa qaghad faccata tat-triq izda ma lahaqx habbat il-bieb. Huwa xehed illi huwa kien qed jistenna jara lil mara tieghu tohrog u jkellimha bil-kelma t-tajba biex jara t-tfal.

Casha jinnega illi kien mar armat u jghid illi kien gabar il-granpun ftit hin qabel u tefghu fil-karozza "*ghal li jista' jkun.*" (ara xhieda pagna 386). L-imputat Casha ikkonferma illi huma ma marrux hemm hekk biex jipprovokaw lil xi hadd. Fil-fatt kien hemm il-karozza ta' Aaron Privitera pparkjata faccata tieghu u ma ghamlulha propju xejn.

James Casha ikkonferma a fol 393 illi anke wara illi huwa kien ta bil-granpun lil Aaron Privitera, dan baqa' jhebb ghalih u baqa' jsawwtu. "*Ma stajtx nehles minnu.*" James Casha a fol 394 jinnega illi huwa mar bi skop uniku sabiex ipattijielu lil Aaron Privitera u baqa' jishaq illi huwa mar hemm hekk sempliciment halli jara t-tfal tieghu.

Aaron Privitera a fol.407 baqa' jishaq illi huwa kienet qieghed il-katina fil-but ta' wara ta' dan ix-*shorts* tal-jeans u nnega illi qabel id-data ta' l-incident huwa kellu xi argument ma l-imputati. Huwa ikkonferma illi wara d-daqqa bil-granpun, huwa qala' xeba daqqiet ta' sieq tajba.

Aaron Privitera ikkonferma illi hu ta daqqa wahda lil James Casha b'din il-katina u laqtu f'daharu. Aaron Privitera ikkonferma illi fl-ebda hin ma ntilef minn sensieh. Ikkonferma illi meta waslet ommu fl-incident, Dorian Sciortino nqala' minn mieghu. Jinnega illi huwa hedded lil James Casha illi ser iqattghu. A fol 414 huwa jikkonferma

illi huwa haseb illi James Casha gie sabiex jiehu t-tfal. Baqa' jikkonferma illi l-katina kienet fil-but ta' wara tal-jeans u li dan il-but kien ta' daqs normali. Mistoqsi kif katina twila zewg (2) piedi toqghod f'but ta' wara tal-jeans, Aaron Privitera baqa' jishaq illi hemm kienet fil-but ta' wara.

Aaron Privitera ikkonferma illi l-ferita kienet tirrikjedi xi tlieta (3) jew erbgha (4) punti u li dawn kienu damu gimgha sabiex ifiequ.

Yvette Attard (fol.420 et seq.), l-mara ta' James Casha, ikkonfermat illi setghet ghaddiet it-telephone lil Aaron Privitera meta kien cemplilha James Casha. Yvette Attard ikkonfermat illi **dak iz-zmien James Casha seta' jara t-tfal tieghu taht supervizjoni stante illi precedentement kien taha xeba' b'tarbija ta' tlett (3) gimghat fuqha** u ta' dana kellha c-certifikati u kif ukoll ir-ritratti ghand il-pulizija. Ikkonfermat illi kif Aaron Privitera fetah il-grada u telaq jigri barra mid-dar u li ftit wara hija semghet l-ghajjat. Ikkonfermat illi ma rat xejn f'idejn Aaron Privitera qabel ma hareg mill-garage.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tax-xhieda johrog car daqs il-kristall illi James Casha u Dorian Sciortino marru sal-garage jew villegjatura ta' Privitera ifittxu l-inkwiet u cioe' biex jghallmu lezzjoni lil Aaron Privitera illi ma kienx ser jinsa' malajr.

Dan qieghed jinghad 'il ghaliex mhuwiex minnu dak illi jghidu l-imputati separatament fl-istqarriji taghhom ghar-rigward ir-raguni 'il ghaliex huma kienu marru jfittxu lil Aaron Privitera.

Fl-istqarriji taghhom it-tnejn jghidu li James Casha kien jehtieg l-indirizz ta' martu u ghalhekk kienu marru fuq il-post in kwistjoni. Dan mhuwiex minnu 'l ghaliex iz-zewg

imputati (anke fl-istqarriji individwali taghhom) jammettu **illi ga kienu jafu fejn jghix dan Aaron Privitera**: Dorian kien ilu jafu il- ghaliex ohtu kienet tohrog ma Aaron fil-passat u il- ghaliex fis- sena precedenti kien ghamel Sajf jghix, f' garaxx/villegatura kwazi bieb ma bieb ma ta Privitera.; waqt illi James Casha jammetti illi kien mar fuq il-post ta' l-incident, cioe' l-garage ta' Aaron Privitera **l-gurnata ta' qabel** (l- incident de quo). (ara l-istqarriji individwali a fol 42 u a fol 46).

Fil-fatt James Casha biddel il-verzjoni tieghu waqt it-testimonjanza tieghu quddiem din il-Qorti u sostna illi dak inhar ta' l-incident huwa kien mar f'dan il-garage/villegjatura **sabiex jara lit-tfal tieghu**. Illi mill-assjem tal-provi, dan bl-ebda mod ma huwa kkollaborat, anzi huwa kontradett addirittura minn dak illi jghid Casha fl-istqarrija tieghu stess. Minn imkien ma jirrizulta illi James Casha mar jitlob biex jara lit-tfal jew almenu cempel xi bieb biex jaghmel din it-talba jew almenu ghamel xi telefonata lil Yvette Casha sabiex thallieh jara t-tfal tieghu.

Iz-zewg imputati waslu fejn il-garage ta' Aaron Privitera fost hafna tghaqqid u twerzieq ta' tyres u brejkijiet. Dan ghamluh sabiex jgharfu lil kulhadd bil-presenza taghhom. Iddecidew li jipparkjaw kantuniera 'l boghod mil-garage ta' Privitera u qaghadu hemm hekk jistennew lill-istess Privitera. James Casha mar armat b'ganc illi huwa kien sab f'ghalqa u gabar ghall-okkazzjoni u Dorian Sciortino kien jaf ben tajjeb b'dan l-istat ta' fatt.

Il-Qorti tistaqsi: "dan huwa agir ta' missier li jrid jara lit-tfal tieghu – wiehed minnhom tarbija ta' ftit xhur? Dan huwa agir ta' haten illi jrid jghin lill-membru tal-familja jikseb indirizz sabiex missier ikun jista' jara lil uliedu?" Certament li le.

Il-fatti juru illi Aaron Privitera hareg mill-garage mgharraf illi kien hemm zewg (2) irgiel lesti ghalih, Privitera hareg il-katina, injora lil Dorian Sciortino u resaq lejn James Casha. F'dan il-mument Dorian qabez fuqu u xejjirlu daqqa ta' ponn u waqt li Aaron Privitera kien qieghed

jissara mieghu, James Casha ta daqqa ta' ganc f'sider Privitera. Dan ma kienx bizzejjed. Hawn hekk iz-zewg (2) imputat komplew isawtuh u jaghtuh bis-sieq sakemm waslet omm Privitera fejn allura Dorian Sciortino inqala' minn ma Aaron Privitera **u kien biss f'dan il-mument illi Aaron Privitera irnexxielu jaghti daqqa ta' katina lil James Casha.**

L-imputati gew mixlija b'attentat ta' omicidju izda l-Avukat Generali fl-artikoli mibghutin lill-Qorti, irriduca din l-akkuza ghal attentat ta' ferita gravi.

Illi kif inhu risaput sabiex tirrisali din l-akkuza, l-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-imputati kellhom **intenzjoni specifika** biex jikkommettu ferita gravi u mhux sempliciment intenzjoni generika illi twegga' lil dak li jkun**. (ara Pulizija – Spettur Mario Tonna vs. Francis Cuschieri deciza fil-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u disgha (2009) per Imhallef Galea Debono, Appell Kriminali a fol 10 u 11; ara wkoll Pulizija – Spettur Therese Sciberras vs. Alfio Attard, Appell Kriminali deciza fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008) a fol 6.)**

Infatti fis-**sentenza "Il-Pulizija – Spettur Carlo Ellul vs. Saviour Xerri**, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza taghha deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) per Imhallef Galea Debono irreteniet is-segwenti:

"***Kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, jistghu jirrizultaw cirkostanzi li jikkonvincu lill-gudikant sal-grad tac-certezza morali, fejn l-offiza li tkun irrizultat tkun ta' natura hafifa, li l-intenzjoni tal-aggressur ma kienetx biss dik li jikkaguna offiza ta' natura hafifa jew intenzjoni generika li jikkaguna xi xorta ta' offiza, imma wahda specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi. Hawnhekk tkun ipotizzabbli l-imputazzjoni tat-tentattiva ta' offiza gravi fuq il-persuna.***

***Din il-Qorti taqbel mal-appellant li normalment min jaqbad strument jaqta' w bil-ponta bhal ma huwa mus, biex jaghti bih ikollu intenzjoni li jferi serjament lil dak li jkun u mhux biex jaghmillu xi girfa superficjali. Hu minnu li f'dan il-kaz il-ferita kienet fil-parti inferjuri, pero' huwa risaput li anki f' dik il- parti jkun hemm blood vessels bhal arterji jew vini principali, nervituri w sistema ta' muskoli li, jekk jigu perforati jew imcarrta, jistghu facilmet iwasslu ghal konsegwenzi ferm serji. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li biex jissussisti r-reat ta' offiza gravi jinhtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi kagjonata tali offiza gravi w mhux biss intenzjoni generika li twegga' lil dak li jkun, pero' tali intenzjoni specifika tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi bhal ma huma x-xorta tal-arma li tkun intuzat. Tista' wkoll tigi dezunta minn natura tal-ferita innifisha. Altru girfa superficjali bhal dik kagjonata minn min ikun qed ixejjer b'mus aktar biex ibezza' jew biex izomm l-avversarju tieghu 'l boghod minnu w altru "stab wound" kif irrizulta f'dan il-kaz."***

Il-feriti in ezami (certifikati minn Dr. Zammit bhala *slight save* complications) minkejja dak illi gie sollevat mill-abbli difensur fil-kaz in ezami, mhix merament girfa. Giet iccertifikata bhala ***stab wound*** illi kienet tirrikjedi tlett (3) punti. Il-fatt illi kienet ezattament ma l-ghadma ta' l-*isternum*, skansat lill-kwerelant minn ferita ferm aktar gravi u wahda illi facilment setghet kienet fatali.

Gudikant li ghandu quddiemu persuna illi taqbad strument illi jaqta' u bil-ponta (bhal ganc in kwistjoni), tghawgu u tiffurmah biex taghmlu iktar idonju bhala arma, taghti daqqa f'sider tal-vittma f'mument meta l-vittma jkun qed jigi aggredit minn terza persuna, cioe co-imputat, l-istess gudikant jista' "*safely and satisfactorily*" jikkonkludi illi tali persuna kellha intenzjoni illi tferi serjament.

Ghar rigward ta’ Dorian Sciortino, din il-Qorti taghraf illi l-Prosekuzzjoni ippruvaw sal-grad rikjest mil-Ligi Kriminali u cioe lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni, illi Dorian Sciortino kien konsapevoli ta’ dak kollhu illi kien mahsub u miftiem illi jsir fuq Aaron Privitera u jirrizulta b’ mod ampju il-komplicta da parti ta’ l-imputat Sciortino.

L- artikolu 42 (d) u (e) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta tipprovdi illi:

**“Persuna titqies komplici f’ delitt jekk hija:**

**Ommissis...**

**d). B’xi mod li jkun xjentament, tkun ghenet jew assistiet li awtur jew l-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsma; jew**

**e). Tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta’ tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.”**

Mill- assjem tal- provi irrizulat b’ mod car illi l- imputat Dorian Sciortino, assista lil Casha bl- aktar mod materjali fuq diversi livelli. Dan qed jinghad il- ghaliex kien Sciortino li sar jaf li Yvette Casha kienet qed tiffrekwenta lil Privitera. Kien Sciortino li kein jaf fejn joqghodu l- familja Privitera. Kien Sciortino li gharraf b’ dana kollhu lil James Casha u sahhnu billi gharfu x’ tip ta’ persuna kien. Kien Dorian Sciortino bil karozza personali tieghu li wasal lil Casha u kien Sciortino il- persuna li taghat l- ewwel daqqa ta’ponn lil Privitera u baqgha jisara ma Privitera waqt li Casha tah bil- ganc. Kien Sciortino wkolli li baqa jaghti bis- sieq lil Privitera in segwitu tal- ferita’ bil- ganc.

Illi certament ic- cirkostanzi li jirrizultaw f’ dan il- kaz Gudikant ma jistghax ma jasalx ghal- konkluzzjoni wahda u cioe li Dorian Sciortino, bhal il- co-imputat l-iehor,

Casha, kelhu l- intenzjoni specifika biex iferi lil Privitera b' mod serju.

L- imputati issolevaw il- legittima difeza u l- provokazzjoni. Illi kif inhu risaput:

Skond il-Ligi u l-Gurisprudenza Maltija, l-eccezzjoni ta' legittima difeza, tista' tigi invokata b'success ai termini ta' l-Artikoli 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm-il darba l-akkuzat jipprova, *on a balance of probability*, illi l-azzjonijiet tieghu kienu "*imposed by actual necessity" of self-defence* tieghu nniffsu jew ta' terz:

**"Kemm fid-dottrina, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-agressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' inevitabilita' jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jikkonfrontah, b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."** (vide **Pulizija vs. Augusto Auguliaro** App. Krim. decided on the 26th of August, 1998 per Chief Justice Dr. Vincent De Gaetano.)

Fil-kaz in ezami l-provi kollha juru illi kienu l-imputati li marru sal- fond residenzjali ta' Privitera preparati ghal- "dak kollhu li jista jinqala" u cioe dan sarraf fl-armar taz-zewg imputati almenu b'ganc li gie maghgun ghall-okkazzjoni, b' Dorian Sciortino ihebb minn naha ta' wara ghal- fuq Privitera u b' Casha jinfed bil- ganc. Dawn huma azzjoniet ta' aggressur u mhux ta' nies li qed jiddefendu lilhom infushom. Min imur ghal-glied, ma jistghax jippretendi illi jissoleva il- legittima difesa u dana minkejja l-fatt li Aaron Privitera, vittma ta' l-*istabbing* kien it-tip ta' bniedem li meta jara glieda ma jahrabx minnha izda jaffronta sidru ghaliha. Il-fatti stabbilit juru illi Privitera kellhu katina, x' aktarx f' idejh, pero' ta l-ewwel daqqa biha, **wara** li gie aggredit minn Sciortino u **wara** illi garrab l' 'stab wound' minn Casha.

Id-difiza ta’ l-imputat Casha fit- trattazzjoni issolevat wkoll l-provokazzjoni a tenur tal-artikolu 272 (c) u stiednet lil din il-Qorti biex tapplikaha, fil-kaz ta’ Casha stante li derilha li dan gie pprovat on a balance of probabilities minhabba l-fatt li d-difiza rnexielha tipprova li sitwazzjoni kienet ingusta dal punto di vista morale u ikkwota lil Antolisei.

Is- sitwazzjoni li ghaliha kienet qed tirreferi d- difiza kienet l- istat ta’ fatt li Yvette Casha kienet qed tghix ma Aaron Privitera.

Din il-Qorti tirrispingi dak sollevat mid- difiza stante li bl-ebda mod ma jirruzltalha li Casha kien il- vittma tal-inkwiet matrimonjali bejn il- konjugi Casha. Dak li jirrizulta lil din il-Qorti kien illi Yvette Casha issaportiet tmien (8) snin swat fil- hajja matrimonjali **izda iddecidiet li titlaq lil zewgha biss wara** li dan kellu relazzjoni ma’ mara ohra. Din l-iskoperta ta’ infedelta’ sehhet meta Yvette Casha kien ghadha kemm weldet tarbija. Is-sitwazzjoni ingusta dal punto di vista morali tiffavorixxi biss lil Yvette Casha.

Illi l-imputat Dorian Sciortino fin-nota ta’ osservazzjoniet tieghu assocja ruhu mal-legittima difiza, id-difiza ta’ provokazzjoni, l-argumentazzjoni u s-sentenza kwotati mid-difiza ta’ James Casha (ara fol 448).

Illi bl- istess manjiera din il-Qorti tirrespingi d-difiza ta’ *self defence* da parti ta’ Dorian Sciortino w a skans ta’ ripetizzjoni tirreferi ghaldak iktar kmieni sottomess. Illi di piu jirrizulta ampjament li kien Dorian Sciortino illi kien wiehed mill-agressuri anzi kien dak li ta l-ewwel daqqa li pprecipitat din il-glieda. Illi di piu din il- Qorti temmen illi Privitera kien jaf li kien hemm zewg irgiel preparati ghalih u huwa notevoli li minkejja li kien armat b’ katina, din ma intuzatx hlief wara li gie aggredit miz-zewg imputati u wara li rcieva d-daqqa ta’ ganc. Kien Privitera biss li wera uzu

ta’ arma (katina) in linea difenzjonali. Ghalhekk ma tirrizultax il-provokazzjoni.

Il-Qorti ssib illi l-Prosekuzzjoni naqsu li jippruvaw r-recediva fil-konfront ta’ l-imputati stante li ma gewx esebit s-sentenzi u ma saret l-ebda prova ta’ l-identita’.

Illi ghar rigward ta’ l-akkuza tal-garr ta’ mus da parti ta’ Dorian Sciortino din il- Qorti ma taghrafx illi din l-akkuza giet sodisfacentement ipprovata stante li x- xhieda ta’ Yvette Casha u Francis Privitera hija kontradetta mix-xhieda ta’ Aaron Privitera li stqarr li huwa ma rax lil Sciortino b’ mus f’ idejh waqt l-incident, wisq anqas ma gie agredit bih min Dorian Sciortino. Il-Qorti rat wkoll l-istqarrija ta’ Dorian Sciortino li kien ghazel li jikkopera mal-Pulizija u fit-tieni parti ta’ l-istqarrija jaghti sekwenza fidila ta’ dak li sehh u l-ispjegazzjoni tieghu ghal raguni il-ghaliex il-mus kien qieghed fil-karozza tieghu, raguni li din il-Qorti sabet li kienet valida.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali li bidlu l-akkuzi li bihom gew mixlija l-imputati, issib lill-imputat, **James Casha,** hati ta’ attentat ta’ ferita gravi, bl-assorbiment ai fini ta’ piena ghall-akkuza ta’ ferita hafifa. Issib lill-imputat, **Dorian Sciortino** hati ta’ komplicita’ f’ attentat ta’ ferita gravi b’assorbiment ai fini ta’ piena ta’ ferita ta’ natura hafifa. Issib lill-imputat **Dorian Sciortino** mhux hati ta’ tielet (3) akkuza u cioe tal-garr ta’ strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenza tal-Pulizija u li minnha tilliberah. Il-Qorti, in oltre’, issib **lill-imputati** hatja tar-raba (4) akkuza u mhux hatja tar-recediva li minnha tilliberahom u wara li rat l-Artikoli 42 (1) (a), 218, 221, 338 (dd), 42, 43 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lil James Casha u lil Dorian Sciortino ghal-perijodu ta’ prigunerija ta’ tlett (3) snin li minnha jrid jitnaqqas z-zmien li ghamlu f’arrest preventiv.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz l-eta’ ta’ l-imputati, l-fedina penali taghhom u l- gravita’ ta’ l-agir taghhom u l-entita’ ta’ griehi li fir-realta’ sofra l-kwerelant Privitera.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------